

Brussell, 17 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14935/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0374(NLE)

ATO 92

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 599 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-estensjoni tal-vantaġġi kkonferiti lill-impriża konġunta Hochtemperatur-Kernkraftwerk GmbH

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 599 final.

Mehmuż: COM(2022) 599 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2022
COM(2022) 599 final

2022/0374 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-estensjoni tal-vantaġġi kkonferiti lill-impriża konġunta Hochttemperatur-
Kernkraftwerk GmbH**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-ISFOND STORIKU TAL-ISTATUS TAL-HKG BĦALA IMPRIŻA KONĠUNTA U TAL-PROĠETT THTR 300

L-objettivi tal-impriża Hochteneratur-Kernkraftwerk GmbH (HKG) kienu li tibni, tgħammar u topera impjant tal-enerġija nukleari f'Uentrop (id-distrett ta' Unna) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Dan kellu jkun prototip ta' reattur tat-torju b'temperatura għolja b'kapaċità ta' madwar 300 MWe (THTR 300, thorium high temperature reactor). Sabiex tilħaq dan il-għan, HKG applikat ħalli tiġi stabbilita bħala Impriża Konġunta.

Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill sab li l-istatuti ta' HKG kienu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom relatati mal-Impriża Konġunta u li, f'dak iż-żmien, il-proġett ta' HKG kien ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp tal-industrija nukleari fil-Komunità u għalhekk mill-1 ta' Jannar 1974 HKG ġiet mogħtija l-istatus ta' Impriża Konġunta mill-Kunsill għal perjodu ta' 25 sena.

HKG applikat ukoll għal ċerti vantaġġi elenkati fl-Anness III tat-Trattat Euratom.

Billi:

- l-impjant tal-enerġija nukleari kellu jinbena minn konsorzju ta' impriżi Komunitarji u b'komponenti li joriġinaw, kważi b'mod esklużiv, mill-Komunità;
- il-kostruzzjoni tal-impjant tal-enerġija se tippermetti titjib konsiderevoli fil-proċessi tekniċi għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq skala industrijali;
- il-konferiment lil HKG tal-vantaġġi elenkati fl-Anness III tat-Trattat seta' jħaffef il-piż finanzjarju u jillimita r-riskji ekonomiċi inerenti f'impriża ta' din ix-xorta;
- HKG kellha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Komunità l-informazzjoni mhux soġġetta għal privattiva li kellha tiġbor matul l-implimentazzjoni tal-proġett tal-impjant tal-enerġija nukleari,

il-Kunsill iddeċieda li jikkonferixxi wħud mill-vantaġġi elenkati fl-Anness III għat-Trattat Euratom, b'mod partikolari fil-forma ta' eżenzjoni minn uħud mit-taxxi. Dawn il-vantaġġi ġew ikkonferiti għal perjodu li jintemm tliet snin wara l-aċċettazzjoni finali tal-impjant tal-enerġija mill-impriża.

Deċiżjonijiet oriġinali

F'Ġunju tal-1974, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta ż-żewġ deċiżjonijiet li ġejjin:

- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/295/Euratom tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Hochteneratur-Kernkraftwerk GmbH (HKG)¹;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/296/Euratom tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar il-konferiment tal-vantaġġi lill-Impriża Konġunta Hochteneratur-Kernkraftwerk GmbH (HKG)².

¹ ĠU L 165, 20.6.1974, p. 7-13

Emendi għad-deċiżjonijiet oriġinali

Fil-11 ta' Lulju 1983, waqt il-laqgħa ġenerali tal-Impriża Konġunta ġie deċiż li jiżdied il-kapital sottoskritt tal-kumpanija. Din iż-żieda kienet teħtieġ emenda fl-istatuti tal-Impriża Konġunta.

L-Impriża Konġunta talbet ukoll estensjoni għall-eżenzjoni mill-“Kapitalverkehrsteuer” ikkonferita fl-1974 fuq l-assi kkontribwiti, skont iż-żieda fil-kapital imsemmija hawn fuq.

Billi:

- l-emenda tal-istatuti ma kellha l-ebda effett fuq id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Impriża Konġunta u kienet konsistenti mal-iżvilupp tal-proġett;
- u l-estensjoni tal-eżenzjoni setgħet tnaqqas l-ispejjeż tal-finanzjament u b'hekk tillimita r-riskji ekonomiċi inerenti f'impriża ta' din ix-xorta,

fi Frar tal-1984 il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet li adattaw id-deċiżjonijiet tal-1974 għaż-żieda fil-kapital ta' HKG:

- id-Deċiżjoni tal-Kunsill 84/104/Euratom tal-21 ta' Frar 1984 li tapprova emenda fl-Istatuti tal-Impriża Konġunta HKG³
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill 84/105/Euratom tal-21 ta' Frar 1984 li temenda d-Deċiżjoni 74/296/Euratom dwar il-konferiment tal-vantaġġi lill-Impriża Konġunta HKG⁴.

Reġistru tas-servizz tal-impjant tal-enerġija u raġunijiet għall-bidla fl-oġġettivi

HKG finalment tat bidu għall-operazzjoni kummerċjali ta' THTR fl-1 ta' Ġunju 1987. L-impjant tal-enerġija baqa' jopera sad-29 ta' Settembru 1988, il-jum li fih ingħalaq. Matul dak il-perjodu, l-operazzjonijiet kienu interrotti kemm-il darba minħabba xi ħsarat.

Id-diffikultajiet ekonomiċi, tekniċi u bil-provvista tal-elementi tal-fjuwil, flimkien mal-problemi dovuti għall-inċertezzi finanzjarji, biex tinkiseb awtorizzazzjoni ħalli l-impjant jerġa' jibda jaħdem, wasslu għad-deċiżjoni, li ttieħdet fl-1 ta' Settembru 1989, li l-impjant jingħalaq immedjatament u b'mod definittiv.

Minn dak iż-żmien, l-oġġettivi tal-Impriża Konġunta saru: l-għeluq tar-reattur, il-ħatt tal-parti tar-reattur li fih isseħħ ir-reazzjoni nukleari, il-kostruzzjoni taż-żona magħluqa sikura u s-sorveljanza. Fit-13 ta' Diċembru 1989, l-awtoritajiet Federali, il-Land tan-Nordrhine-Westfalen, HKG u l-membri tagħha kkonkludew kuntratt dwar id-dekummissjonar ikkontrollat tal-proġett THTR 300. Dan kien jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-aspetti finanzjarji.

Iktar applikazzjonijiet konsegwenti minn HKG

Il-vantaġġi tat-taxxa kkonferiti lil HKG bid-Deċiżjoni 74/296/Euratom skadew fil-31 ta' Mejju 1990, tliet snin wara l-aċċettazzjoni finali tal-impjant tal-enerġija mill-impriża fl-1 ta' Ġunju 1987.

Bl-ittri tad-9 ta' Frar u tas-6 ta' Marzu 1990, il-membri ta' HKG ressqu talba sabiex il-vantaġġi kkonferiti jiġu estiżi sakemm jiskadi l-istatus ta' Impriża Konġunta ta' HKG u

² ĠU L 165, 20.6.1974, p. 14-15

³ ĠU L 58, 29.2.1984 p. 35

⁴ ĠU L 58, 29.2.1984 p. 37

sabiex il-vantaġġi jiġu aġġustati skont is-sitwazzjoni tal-impriża f'dak iż-żmien, li kellha bżonn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali li, għal finijiet tat-taxxa, ġew meqjusa bħala kontribuzzjonijiet ta' assi.

HKG kienet qed timplimenta programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari sal-istadju taż-żona magħluqa sikura u pproponiet li sussegwentement twettaq programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari kkonċernati.

Il-Kunsill deherlu li ma kien hemm l-ebda proġett ekwivalenti għal dawn il-programmi fil-Komunità u li għaldaqstant, l-implimentazzjoni tagħhom kienet importanti sabiex tiġi pprovduta esperjenza utli għall-industrija nukleari u għall-iżvilupp futur tal-enerġija nukleari fil-Komunità.

Il-Kunsill deherlu wkoll li jkun għaqli li HKG tiġi meġhuna fl-implimentazzjoni tal-programmi billi jitħaffef il-piż finanzjarju tagħha u allura, jiġu estiżi l-vantaġġi kkonferiti.

Bid-Deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 1992⁵, il-Kunsill estenda l-vantaġġi kkonferiti lil HKG sad-data tal-iskadenza tad-Deċiżjoni 74/295/Euratom.

Fit-30 ta' Marzu 1998, HKG applikat biex il-Kummissjoni testendilha l-istatus ta' Impriża Konġunta għal 25 sena oħra.

Ir-raġuni li nġhatat għal din it-talba kienet l-importanza tal-esperjenza li kellha tinkiseb mill-operazzjonijiet tal-għeluq u tad-dekummissjonar definittivi tal-industrija tal-enerġija nukleari fil-Ġermanja, fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Din il-fehma kienet ibbażata fuq il-fatt li THTR 300 kien l-ikbar reattur tat-tip tiegħu fid-dinja u li l-konfigurazzjoni unika tal-impjant, b'mod partikolari fir-rigward taż-żona magħluqa, iprovdiet opportunità mingħajr preċedent sabiex tinkiseb esperjenza dwar ir-riżultati u l-kostijiet taż-żona magħluqa.

HKG żiedet li fit-13 ta' Novembru 1989, ir-Repubblika Federali, il-Land tan-Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha kkonkludew ftehim qafas sabiex titlesta l-fażi finali tal-proġett THTR 300. Dan il-ftehim qafas u l-emenda annessa miegħu fit-18 ta' Diċembru 1996 jirregolaw il-fażijiet sal-2009, fosthom l-arranġamenti għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' HKG.

Il-Ġermanja appoġġat it-talba ta' HKG u ddikjarat li l-Gvern Federali kien favur li jinżammu l-vantaġġi tat-taxxa mogħtija.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta, il-Kummissjoni deherilha li l-argumenti li l-Kunsill kien aċċetta fl-1992 kienu għadhom validi; b'mod partikolari, l-attivitajiet tal-impriża kienu għadhom l-istess u l-kuntest li fih twettaqhom kien identiku.

Madankollu, peress li l-arranġamenti konklużi bejn ir-Repubblika Federali, il-Land tan-Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' HKG kienu japplikaw biss għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni pproponiet li f'konformità mal-perjodu mfassal bejn l-awtoritajiet Ġermaniżi u HKG, il-Kunsill japprova l-estensjoni tal-istatus ta' Impriża Konġunta u tal-vantaġġi kkonferiti lil HKG għall-istess perjodu, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2009.

Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, fis-7 ta' Mejju 2002 il-Kunsill ipprolonga l-istatus ta' Impriża Konġunta u l-vantaġġi kkonferiti lil HKG sal-31 ta' Diċembru 2009⁶.

Bl-ittra tas-26 ta' April 2010, Hochttemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG), Hamm, talbet għal estensjoni oħra għall-istatus ta' Impriża Konġunta, stabbilit oriġinarjament bid-Deċiżjoni 74/295/Euratom, li diġà kien estiż darba oħra bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002,

⁵ Mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

⁶ ĠU L 123, 2002/355/Euratom, 9.5.2002, p.53; ĠU L 123, 2002/356/Euratom, 9.5.2002, p.54

għal 11-il sena b'effett mill-1 ta' Jannar 1999. Din l-estensjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq it-trasferiment tal-art, mit-taxxa fuq l-art u mit-taxxa fuq il-qligħ kummerċjali fuq imgħax fuq dejn għal perjodu twil ta' żmien, li ngħataw fl-istess żmien.

HKG applikat biex l-istatus eżistenti jiġi estiż lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2009 għal perjodu ta' 25 sena oħra. Fil-ġustifikazzjoni tagħha, HKG ressqet b'mod partikolari l-argumenti li ġejjin:

Bil-proġett tal-prototip tal-impjant tal-enerġija nukleari b'Reattur tat-Torju b'Temperatura Għolja (THTR) f'Hamm-Uentrop, HKG intrabtet li twettaq testijiet fuq skala industrijali u testijiet ekonomiċi fuq it-teknoloġija tar-reatturi b'temperatura għolja bit-tir li tassigura l-futur u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Ġermanja għal perjodu twil ta' żmien.

L-għarfien li jittieħed mill-esperjenza fil-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija nukleari ma jistax ikun limitat biss għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni. Għal finijiet ta' komplettezza, jenħtieġ li jiġi inkluż ukoll l-għarfien akkumulat mill-ippjanar għall-għeluq, mill-għeluq innifsu, mill-operazzjoni taż-żona magħluqa sikura u mid-dekummissjonar (f'dan il-każ, fit-teknoloġija tar-reatturi b'temperatura għolja).

HKG hija tal-fehma li l-għarfien miksub waqt il-perjodu taż-żamma taż-żona magħluqa sikura (iż-żmien taż-żona magħluqa) u d-dekummissjonar sussegwenti jkun ta' importanza kbira għall-industrija nukleari fl-Ewropa u fid-dinja kollha, iktar u iktar fi żmien meta fil-ħidma fuq il-Ġenerazzjoni IV kienet qed terġa' tintuża t-teknoloġija tar-reatturi b'temperatura għolja, u l-fażijiet differenti tal-għeluq kellhom jiġu inklużi wkoll sabiex wieħed ikollu l-istampa kollha (il-Kostijiet taċ-Ċiklu tal-Ħajja).

L-impjant tat-THTR 300 kien l-ikbar reattur tat-tip pebble-bed fid-dinja b'reċipjent li jitqiegħed taħt il-persjoni tar-reattur qabel jiffurma (RCRPV, prestressed concrete reactor pressure vessel) kif ukoll b'riflettur u inforra taċ-ċeramika inkorporati u insulazzjoni għall-kanali tal-gass sħun.

In-natura speċifika tal-impjant imdawwar b'żona magħluqa sikura toffri opportunità sa issa unika sabiex ikunu kkalkolati d-data u l-kostijiet għal żona magħluqa sikura "kważi passiva" ta' impjant b'RCRPV, speċjalment fil-każ tal-kostijiet tal-enerġija (ventilazzjoni, tnixxif bl-arja, eċċ.), tal-kostijiet operazzjonali, tal-ittestjar perjodiku u tat-tiswijiet.

HKG stenniet sejbiet importanti mid-dekummissjonar eventwali tal-impjant, b'mod speċjali waqt il-ħidma mill-bogħod u fuq il-post tad-dekummissjonar fil-parti tal-impjant li fih isseħħ ir-reazzjoni nukleari. Barra minn hekk, it-tneħħija tal-wiċċ intern tal-RCRPV (mhux il-kordi kollha tista' titneħħilhom it-tensjoni b'mod inekwivoku) u ż-żarmar ta' 550 Mg tal-komponenti taċ-ċeramika radjoloġikament ikkontaminati u installati fl-RCRPV se jġibu għarfien ġdid dwar id-dekummissjonar tar-reatturi b'temperatura għolja.

HKG biħsiebha tkompli tqiegħed dawn is-sejbiet ukoll għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri tal-UE.

Kien għadu mhux ċar meta jista' jsir id-dekummissjonar (huwa fattur importanti li jkun hemm repożitorju adattat ippreparat u lest biex jirċievi) u din hija r-raġuni għaliex qed issir talba biex l-istatus ta' Impriża Konġunta jiġi estiż b'25 sena.

L-importanza ewlenija għall-iżvilupp tal-industrija nukleari fil-Komunità, li kienet meħtieġa sabiex jingħata l-istatus ta' "Impriża Konġunta Ewropea" diġà kienet aċċettata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 1992 dwar estensjoni tal-vantaġġi kkonferiti lill-Intrapriża Konġunta HKG, jiġifieri, fiż-żmien meta ngħalaq l-impjant tat-THTR 300. Kien rikonoxxut ukoll li fil-Komunità ma kien jeżisti l-ebda każ paragonabbli għall-programmi sabiex jingħalaq l-impjant tal-enerġija sal-fażi taż-żona magħluqa sikura u sabiex tkun ippreservata u

mmonitorjata kundizzjoni ta' "impjant imdawwar b'żona magħluqa sikura" ta' din ix-xorta. Kien ukoll stabbilit li t-twertiq ta' dawn il-programmi se jwassal għal esperjenza utli għall-industrija nukleari u għall-iżvilupp futur tal-enerġija nukleari fil-Komunità.

Il-proġett THTR 300 se jkompli jirċievi għajnuna sostanzjali mill-Gvern Ġermaniż u mill-Istat tan-Nordrhein-Westfalen. Dan kien stabbilit fil-kuntratt dwar id-dekummissjonar ikkontrollat tal-proġett THTR 300 li ġie konkluż fl-1989, li abbażi tiegħu kienet qed tiġi mħallsa fost l-oħrajn, l-operazzjoni standby tal-impjant THTR 300 wara l-31 ta' Diċembru 2009.

Fil-komunikazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern Ġermaniż appoġġa t-talba ta' HKG biex testendi l-istatus ta' Impriża Konġunta. Madankollu, l-estensjoni kellha tkun mogħtija sal-31 ta' Diċembru 2017 biss u mhux għal 25 sena oħra kif talbet HKG, peress li l-arranġamenti ta' finanzjament tal-Ġermanja kienu limitati għal dik id-data.

Bid-Deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar estensjoni tal-istatus ta' Intrapriża Konġunta ta' Hochtemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG) (2011/362/Euratom), il-Kunsill iddeċieda dan li ġej:

L-istatus ta' Impriża Konġunta, fi ħdan it-tifsira tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mogħti lil Hochtemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG) ġie estiż għal tmien snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

L-objettiv tal-HKG kien li timplimenta programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari li jinsab f'Uentrop (id-distrett ta' Unna) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sal-istadju taż-żona magħluqa sikura u, wara dan, li twettaq programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari mdawrin biż-żona magħluqa.

ŻVILUPPI REĊENTI

Bl-ittra tas-7 ta' Ottubru 2021, Hochtemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG), Hamm, talbet għal estensjoni oħra tal-istatus ta' Impriża Konġunta, stabbilit oriġinarjament bid-Deċiżjoni 74/295/Euratom, li diġà kien estiż darbtejn oħra bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002, għal 11-il sena b'effett mill-1 ta' Jannar 1999 u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2011 għal tmien snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2010. Din l-estensjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq it-trasferiment tal-art, mit-taxxa fuq l-art u mit-taxxa fuq il-qligħ kummerċjali fuq imgħax fuq dejn għal perjodu twil ta' żmien, li ngħataw fl-istess żmien. Barra minn hekk, HKG applikat biex tkun eżentata mit-taxxi diretti kollha li l-Impriżi Konġunti, il-proprjetà, l-assi u d-dħul tagħhom kieku kien ikollhom iħallsu. Hija applikat biex din l-eżenzjoni titwettaq bl-aktar mod estensiv fattibbli u biex tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2018 'il quddiem. Għal raġunijiet ta' ċarezza, din hija l-lista mhux eżawrjenti tat-taxxi diretti applikabbli fil-Ġermanja li HKG talbet eżenzjoni għalihom:

- Körperschaftsteuer (taxxa korporattiva),
- Solidaritätszuschlag ("soprataxxa ta' solidarjetà" għal taxxa korporattiva)
- Gewerbesteuer (taxxa fuq in-negozju lokali)
- Grunderwerbsteuer (taxxa fuq it-trasferiment tal-art)
- Grundsteuer (taxxa fuq l-art)

Id-dikjarazzjoni tal-Gvern Ġermaniż dwar it-talba ta' HKG sabiex testendi l-istatus ta' Impriża Konġunta

Fil-komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' April 2021 u tas-6 ta' Mejju 2022, il-Gvern Ġermaniż appoġġa t-talba ta' HKG sabiex testendi l-istatus ta' Impriża Konġunta, b'mod partikolari għar-raġunijiet li ġejjin:

L-istadju taż-żona magħluqa sikura tat-THTR se jestendi lil hinn mill-perjodu attwalment ippjanat. Dan l-istadju huwa finanzjarjament sikur permezz ta' arranġamenti kuntrattwali bejn il-Gvern Federali, il-Land ta' Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha sal-31 ta' Diċembru 2022.

Peress li huwa mistenni li l-istadju taż-żona magħluqa sikura għat-THTR jidmug aktar mis-soltu, u speċjalment minħabba ż-żarmar ta' reċipjent taħt pressjoni ta' reattur tal-konkrit (RCRPV) li jseħħ aktar tard, jagħtu lok li wieħed jistenna kisba ta' għarfien ġdid dwar id-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari. Barra minn hekk, iż-żarmar sussegwenti tar-reċipjent tar-reattur, li għad m'hemmx biżżejjed esperjenza Prattika għalih, se jimplika spejjeż konsiderevoli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-involviment ulterjuri tal-kumpanija maniġerjali HKG u l-membri tagħha huwa essenzjali u fil-prinċipju, l-estensjoni tal-istatus ta' "Impriża Konġunta Ewropea" hija materjalment iġġustifikata.

HKG applikat mad-DĠ Enerġija tal-Kummissjoni biex l-istatus ta' "Impriża Konġunta Ewropea" tagħha jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027. Madankollu, l-arranġamenti ta' finanzjament huma attwalment skedati biss sa tmiem l-2022 u fid-Deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tenna li tali perjodu kien raġuni determinanti biex jiġi limitat il-perjodu li fih għandhom jiġu kkonferiti l-vantaġġi, għalhekk il-Ministeru tal-Finanzi tal-Land ta' Nordrhein-Westfalen (FM NRW), affettwat mill-vantaġġi tat-taxxa, approva l-estensjoni tal-istatus ta' "Impriża Konġunta Ewropea" sal-31 ta' Diċembru 2022 biss. Il-Gvern Federali ma għandu l-ebda riżerva dwar l-iffissar ta' limitu ta' żmien ta' dan it-tip u, barra minn hekk, il-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (BMBF) ma jara l-ebda raġuni għaliex l-istatus ta' "Impriża Konġunta Ewropea" jenħtieġ li jiġi diżakkoppjat mill-perjodu tal-arranġament ta' finanzjament imsemmi qabel.

Għaldaqstant, il-Gvern Ġermaniż huwa favur l-estensjoni tal-istatus ta' "Impriża Konġunta Ewropea" ta' HKG sal-31 ta' Diċembru 2022.

KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-argumenti li l-Kunsill kien aċċetta fl-2011 għall-estensjoni tal-istatus ta' Impriża Konġunta ta' HKG għadhom validi sal-lum; b'mod partikolari, l-attivitajiet tal-impriża għadhom l-istess u l-kuntest li fih twettaqhom huwa identiku. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jidhrilha li wara li japprova l-estensjoni tal-istatus ta' impriża konġunta, il-Kunsill għandu jestendi wkoll id-deċiżjoni tiegħu dwar il-vantaġġi kkonferiti lil HKG kif ikun xieraq.

L-arranġamenti li ġew konklużi bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Land ta' Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' HKG japplikaw biss għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2022.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li f'konformità mal-perjodu rranġat bejn l-awtoritajiet Ġermaniżi u HKG, il-Kunsill japprova l-estensjoni tal-vantaġġi kkonferiti lil HKG sal-31 ta' Diċembru 2022.

2. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 45 tat-Trattat Euratom jipprevedi l-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti, li t-Trattat jiddefinixxi bħala impriżi ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp tal-industrija nukleari fil-Komunità.

Skont l-Artikolu 46 tat-Trattat Euratom, kull proġett għat-twaqqif ta' Impriża Konġunta huwa soġġett għal inkjesta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni trid tgħaddi lill-Kunsill kwalunkwe proġett għat-twaqqif ta' Impriża Konġunta, flimkien mal-opinjoni motivata tagħha.

Skont l-Artikoli 47 sa 49 tat-Trattat Euratom, l-Impriżi Konġunti jitwaqqfu minn deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni.

Skont l-Artikolu 48 tat-Trattat Euratom, b'mod partikolari, "Il-Kunsill jista', waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni, jaġmel applikabbli għal kull Impriża Konġunta kwalunkwe wieħed mill-vantaġġi jew il-vantaġġi kollha elenkati fl-Anness III ta' dan it-Trattat;"

L-Anness III tat-Trattat Euratom dwar "il-vantaġġi, li jistgħu jiġu kkonferiti lill-impriżi konġunti skont l-Artikolu 48 ta' dan it-trattat" jinkludi dan li ġej:

"4. L-eżenzjoni mid-dazji jew mit-tariffi kollha imposti fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli u mit-tariffi ta' reġistrazzjoni.

5. L-eżenzjoni mit-taxxi diretti kollha li l-Impriżi Konġunti, il-proprjetà, l-assi u d-dħul tagħhom kieku kien ikollhom iħallsu."

3. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-UE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-estensjoni tal-vantaġġi kkonferiti lill-impriża konġunta Hochteneratur-Kernkraftwerk GmbH

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b' mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 74/295/Euratom¹, il-Kunsill stabbilixxa lil Hochteneratur-Kernkraftwerk GmbH (“HKG”) bħala impriża konġunta, fi ħdan it-tifsira tat-Trattat, għal perjodu ta’ 25 sena mill-1 ta’ Jannar 1974.
- (2) Bid-Deċiżjoni 2011/362/Euratom², il-Kunsill estenda l-istatus ta’ HKG bħala impriża konġunta sal-31 ta’ Diċembru 2017.
- (3) Bid-Deċiżjoni 74/296/Euratom³ u bid-Deċiżjoni tiegħu tas-16 ta’ Novembru 1992⁴ il-Kunsill ikkonferixxa lil HKG numru ta’ vantaġġi elenkati fl-Anness III tat-Trattat għal perjodu ta’ 25 sena mill-1 ta’ Jannar 1974.
- (4) Bid-Deċiżjoni 2011/374/Euratom⁵, il-Kunsill estenda l-vantaġġi kkonferiti sal-31 ta’ Diċembru 2017.
- (5) Bl-ittra tas-7 ta’ Ottubru 2021, HKG talbet estensjoni oħra tal-istatus ta’ impriża konġunta. Din l-estensjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq it-trasferiment tal-art, mit-taxxa fuq l-art u mit-taxxa fuq il-qligħ kummerċjali fuq imgħax fuq dejn għal perjodu twil ta’ żmien, li ngħataw fl-istess żmien. Barra minn hekk, HKG applikat biex tkun eżentata mit-taxxi diretti kollha li l-Impriżi Konġunti, il-proprjetà, l-assi u d-dħul tagħhom kieku kien ikollhom iħallsu. Hija applikat biex dik l-eżenzjoni sseħħ bl-aktar mod estensiv u fattibbli u biex tkun applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2018 ’il quddiem. Għal raġunijiet ta’ ċarezza, din hija l-lista mhux eżawrjenti tat-taxxi diretti applikabbli fil-Ġermanja, li HKG talbet eżenzjoni għalihom: Körperschaftsteuer (taxxa korporattiva), Solidaritätszuschlag (“soprataxxa ta’ solidarjetà” għal taxxa korporattiva), Gewerbesteuer (taxxa fuq in-negozju lokali), Grunderwerbsteuer (taxxa fuq it-trasferiment tal-art), Grundsteuer (taxxa fuq l-art).
- (6) L-objettiv attwali ta’ HKG huwa li timplimenta programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari sal-istadju taż-żona magħluqa sikura u, sussegwentement,

¹ ĠU L 165, 20.6.1974, p.7.

² ĠU L 163, 23.6.2011 p. 24.

³ ĠU L 165, 20.6.1974 p. 14.

⁴ Mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

⁵ ĠU L 168, 28.6.2011 p. 8.

li twestaq programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari mdawrin biż-żona magħluqa.

- (7) Ma hemm l-ebda proġett ekwivalenti għal dawk il-programmi fil-Komunità peress li, sa issa, l-ebda reattur b'temperatura għolja ma ngħalaq b'mod definittiv fil-Komunità.
- (8) Għaldaqstant, l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi hija importanti peress li jipprovdu esperjenza utli għall-industrija nukleari u għall-iżvilupp futur tal-enerġija nukleari fil-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward tad-dekummissjonar tal-installazzjonijiet nukleari.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li HKG tiġi meġġuna fl-implimentazzjoni tal-programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari sal-istadju taż-żona magħluqa sikura u tal-programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari mdawrin biż-żona magħluqa, billi jitħaffef il-piż finanzjarju u jiġu inklużi l-vantaġġi addizzjonali tat-taxxa .
- (10) Intlaħaq ftehim dwar arranġamenti għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' HKG bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Land Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (11) Għaldaqstant, il-vantaġġi kkonferiti lil HKG jenħtieġ li jiġu estiżi b'mod retroattiv għall-istess perjodu tal-estensjoni tal-istatus ta' Impriża Konġunta tagħha, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (12) Wara l-31 ta' Diċembru 2022, kwalunkwe estensjoni ulterjuri tal-istatus ta' Impriża Konġunta ta' HKG tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ta' dekummissjonar minn HKG.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri b'dan jestendu għal ħames snin u b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, il-vantaġġi li ġejjin, elenkati fl-Anness III tat-Trattat u kkonferiti lill-Impriża Konġunta Hochtemperatur-Kernkraftwerk GmbH ("HKG"):

- (1) skont il-paragrafu 4 ta' dak l-Anness, l-eżenzjoni mill-Grunderwerbsteuer (taxxa fuq l-akkwist tal-proprjetà immobbli);
- (2) f'konformità mal-punt 5 ta' dak l-Anness, l-eżenzjoni mit-taxxi diretti kollha li l-Impriża Konġunta, il-proprjetà, l-assi u d-dħul tagħha kieku kienu jkunu soġġetti għalihom.

Artikolu 2

Il-konferiment tal-vantaġġi lil HKG elenkati fl-Artikolu 1 huwa soġġett għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni industrijali, teknika u ekonomika kollha, inkluż dik relatata mas-sikurezza, miksuba minn HKG matul l-implimentazzjoni tal-programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari sal-istadju taż-żona magħluqa sikura u tal-programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari mdawrin biż-żona magħluqa.

Dan l-obbligu jestendi għall-informazzjoni kollha li HKG hija intitolata titrażmetti f'konformità mal-kuntratti konklużi magħha. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lilha, kif ukoll il-mod li bih għandha ssir komunikazzjoni ta' din ix-xorta, u għandha tiżgura li l-informazzjoni tinxtered.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lil Hochttemperatur-Kernkraftwerk GmbH.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*